MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 347/2010

Kawza fil-Lista: 82

**A B
vs
V Q**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: illi hija zzewget lil V Q fid-9 ta' Lulju 1999, fil-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja, Zabbar, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta; li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg; li l-kunsens tal-attrici inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg

innifsu jew ta’ xi wahda jew iktar ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg; li ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19(1)(d) u )(f) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fid-9 ta’ Lulju 1999.

Rat li l-konvenutipprezenta r-risposta guramentata tieghu fejn huwa qabel li l-imsemmi zwieg huwa null pero` ddikjara li kwalunkwe responsabbilita` m’ghandhiex tigi attribwita lilu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-imsemmija data, huwa null fil-ligi skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**

Il-partijiet izzewgu fid-9 ta’ Lulju 1999. L-attrici xtaqet illi jkollhom it-tfal u jrabbu familja izda ghal raguni jew ohra il-konvenut dejjem zamm lura milli jkollhom t-tfal. Tant il-konvenut ma riedx li jkollhom it-tfal, illi waqt l-att sesswali kien jirtira fil-mument opportun b’konsegwenza illi l-att sesswali bejn il-partijiet qatt ma kien wiehed shih u ghaldaqstant jirrizulta illi z-zwieg tal-partijiet qatt ma gie kkunsmat. Il-konvenut inizjalment fil-hajja mizzewga kien jghid li ma jridx it-tfal ghaliex martu m’hiex kapaci tiehu hsiebhom, drabi ohra stante li m’ghandux flus u iktar tard stqarr, kif anke tenna meta xehed quddiem din il-Qorti, li ma xtaqx li uliedu jkunu jbatu minn xi marda jew kondizzjoni kif diga kien hemm tifel fil-familja tal-attrici.

L-attrici min-naha taghha kienet, bl-accettazzjoni ta’ zewgha, bdiet trabbi tifel ta’ familja klandestina u dana bl-iskop li thajjar lil zewgha li jkollhom l-ulied naturali taghhom. Jirrizulta mill-provi illi l-konvenut ma kienx imur tajjeb ma’ dan it-tifel, ma kienx isib il-hin biex jilghab mieghu u kien jiddejjaq jekk ihammeg bhal ma jaghmlu t-tfal kollha tal-eta` tieghu.

Il-konvenut jallega illi kienet martu u cioe l-attrici li ma riditx tfal u dan ghaliex meta t-tobba ssuggerewlha li tnaqqas il-piz sabiex tkun tista’ tinqabad tqila, hija ma kinitx taghmel dieta bl-impenn li wiehed jistenna. Jallega wkoll illi martu ma kinitx qed terfa’ r-responsabilitajiet u twettaq l-obbligi taghha ta’ mara mizzewga anzi bdiet taghzel li tohrog ma’ shabha u tiddeverti filwaqt li titraskura l-bzonnijiet tad-dar u l-htigijiet tieghu. Izda il-konvenut u x-xhieda minnu prodotti jikkonfermaw illi dana ma sehhx mill-bidu taz-zwieg izda snin wara u cioe fiz-zmien li kien miet missier l-attrici.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attrici bdiet effettivament titraskura d-dmirijiet taghha ta’ mara mizzewga izda dan mhux mill-bidu taz-zwieg u cioe ma jistax jigi konluz ghall-fini tal-azzjoni odjerna illi din dahlet ghaz-zwieg b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew id-drittijiet u l-obbligi essenzjali taghha. Jirrizulta illi l-attrici bdiet titlef l-interess f’darha snin wara li kienet izzewget, meta kienet qed thoss li l-isforzi taghha biex thajjar lill-konvenut biex ikollhom l-ulied kienu fallew, u r-relazzjonijiet sesswali taghhom baqghu tali li z-zwieg qatt ma gie kkunsmat. Fil-fehma tal-Qorti, kien naturali ghall-attrici li ffaccjata b’din is-sitwazzjoni li setghet holqot frustrazzjoni kbira f’hajjitha, tirreagixxi billi tibda tfittex kumpanija u hbieb barra minn darha u li turi inqas interess fil-facendi u l-bzonnijiet l-ohra tad-dar.

Min-naha l-ohra, huwa manifest li l-konvenut eskluda l-prokreazzjoni tal-ulied miz-zwieg, minkejja li l-attrici xtaqet illi huma jkollhom familja. Ghalhekk esternament huwa ghadda minn cerimonja ta’ zwieg, izda internament u b’att pozittiv tal-volonta` tieghu huwa eskluda certi obbligi

essenzjali ghall-hajja konjugali u senjatament l-obbligu tal-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu (f) ta' l-artikolu precitat, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fid-9 ta' Lulju 1999.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------